# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 12 ta' Lulju 2016

Rikors Guramentat Nru. 219 / 13RGM

Kawza fil-lista: 13

**P S**
**vs**
**W N**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur fit-22 ta' Ottubru 2013, li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti kellu relazzjoni ma' W N ghal madwar tmien snin u li minnha twieldu z-zewgt itfal minuri Y ta' hames snin u X ta' tmien snin;

2. Illi dina r-relazzjoni bejn il-partijiet ntemmet u sussegwentament infethu proceduri ta' medjazzjoni Nr:42/13. Illi l-esponenti dejjem attenda ghas-seduti bil-ghan li jintlahaq ftehim li jkun gust, iktar u iktar fejn jidhlu uliedhom l-minuri;

3. Illi waqt seduti ricenti ta' medjazzjoni l-intimata W prezentat pendente lite rikors nru 638/13 quddiem dina l-Onorabbli Qorti, liema risposta ghalih minn naha ta' l-esponenti ma kinitx giet prezentata mhux b'nuqqas ta' interess minn naha tieghu u lanqas b'disrispett lejn dina l-Onorabbli Qorti izda r-raguni veritiera kienet ghaliex d-difensur sottoskritt tieghu ma' lahaqx intavolah fi zmien ristrett ta' erbat ijiem minhabba ragunijiet personali;

4. Illi dina l-Onorabbli Qorti kienet harget digriet datat il-21 ta'April 2013 bl-ordni sabiex l-esponenti bhala missier ikollu access ristrett ghal uliedu nhar ta' erbgha u nhar ta’ hamis, bejn il-5.00pm u s-7.00pm u s-Sibt bejn l-10.00am u l-4.00pm, kif ukoll gie ordnat ihallas somma ta' erbgha mitt ewro [Eur400] fix-xahar bhala manteniment ghal uliedu oltre nofs l-ispejjez ghas-sahha u edukazzioni;

5. Illi l-esponenti hass li r-rikors ta' l-initmata kien wiehed iebes fil-konfront tieghu u lanqas vertier ghal kollox meta l-intimata ghogobha tikkonferma bil-gurament illi kien hemm qbil illi l-kura u kustodja tal-ulied tigi fdata esklussivament f’idejn l-intimata meta dan ma kien veru xejn ghaliex l-esponenti dejjem ried ikun partecipi fid-decizjonijiet kollha relatati ma' uliedu kif hekk kien isehh matul dawn l-ahhar tmien snin;

6. Illi meta l-intimata semmiet ukoll illi mindu kienet intemmet r-relazzjoni ma’ kkontribwixxiex ghal ghajxien ta' uliedu u lanqas kien hallas ebda manteniment, l-esponenti jiddikjara illi meta intemmet r-relazzjoni bejnu u l-intimata, l-komunikazzjoni ta' bejniethom kienet wahda dghajfa hafna u li meta l-esponenti kien iddecieda li jersaq biex jghaddilha manteniment, l-intimata kienet tirrifjuta ghax ma kien ghad hemm xejn bil-miktub bil-Qorti minkejja li zgur ma kinitx x-xewqa taghha li tirrifjutahom;

7. Illi l-esponenti jikkontendi ukoll illi l-lista li pprezentat l-intimata fir-rikors taghha, sabiex tispjega lil Qorti l-ispejjez li hija nkorriet ghaliha u ghal uliedhom matul sena shiha kienu jammontaw ghal Eur14,744 ma kienx maghmul korrettament. Illi bir-rispett kollu, l-intimata kif taf ben tajjeb, tali kont li indikat fil-lista taghha jigbor fih ukoll konsum li gawdiet minnu hija kif ukoll l-esponenti meta kien ghadu jabita maghha u ma’ uliedhom. Illi l-esponenti m'ghandu x'jaqsam xejn ma' l-ispiza li nefqet ghaliha l-intimata u iktar u iktar meta tali kontijiet li nizlet bl-addocc lanqas biss gew prezentati ircevuti sabiex jiggustifikaw tali spejjez;

8. Illi certament, li l-intimata tiddetta fuq gurament taghha, b'referenza ghar-rikors guramentat ta' l-intimata pprezentat fl-14 ta' Jannar 2013, illi l-esponenti jrid jara t-tfal fil-kumdita' kollha tieghu minghajr ma jghati kas l-impenji edukattivi ta' uliedu hija gidba ohra ghaliex kulma ilu jitlob maghtul s-seduti kollha ta' medjazzjoni kien li jgawdi kemrn hu possibbli lill-uliedu billi jasal ghal kompromess ma' l-intimata li gustament maghtul ir-rest u l-off tieghu jkun jista' jigborhom u jgawdihom minghajr ma jfixkel l-impenji li jistghu ikollhom uliedhom. Illi fil-fatt tant ma kinitx problema ghall-intimata li tgharaf tifhem li l-esponenti huwa missier ta' l-affari tieghu illi nonostante d-digriet, kien intlahaq kompromess buona volonta taz-zewg partjiet li waqt li l-intimata tkun day u night l-esponenti jgawdi lil uliedu matul ir-rest u off tieghu. Illi t-tfal huma xhud li qatt

ma gew maltrattati minnu jew mil-familjari tieghu u dejjem ha hsiebhom f'dak kollu li gew bzonn;

9. Illi sfortunatament dan l-arrangament intemm hesrem ftit tax-xhur ilu mill-intimata. Ir-raguni ewlenija minkeija hafna insinwazzjonijiet da parti taghha, hija li l-esponenti qieghed jimponi termini skond kif irid hu fl-access u manteniment. Fil-verita' l-access kien qieghed jigi segwit skond l-ftehim bonarju fejn l-esponenti azzarda gurnata fost ohrajn jitlob l-intimata ttih permess iraqqadhom mieghu hekk kif uliedhom kienu bil-vaganzi tas-sajf waqt li hija tkun xoghol izda l-intimata ma qablitx diment ma jaslux fi ftehim dwar s-somma ta' manteniment;

10. Illi ma jistax ikun illi l-intimata tuza d-digriet li hareg nhar l-21 ta'April 2013 biex thedded lill-esponenti sabiex jivversalha manteniment ta' Eur400 fix-xahar meta hija stess taf illi kull meta l-ulied kienu jkunu mal-esponenti, huwa jiehu hsiebhom f'dak kollu li kienu jehtiegu. Terga u tghid l-intimata tahdem fl-istess fabbrika ma' l-esponenti u jaqlaw l-istess itrojtu. Ghandu anka jigi ikkunsidrat illi ic-childrens allowance taz-zewg ulied qieghdin fuq isem l-intimata. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm wiehed jiftem illi huwa minnu li genitur fid-dmir li jikkontribwixxi ghal manteniment ta' uliedu, ghandu jigi mifhum ukoll illi s-somma tal-manteniment ghandha gustament tirrispekkja il-qghadiet finanzjarji taz-zewg genituri mal-bzonnijiet li jirrikjedu t-tfal;

11. Illi mhux accettabli lanqas illi kwistjonijiet ta' flus jithallew jintuzaw bhala theddida fl-access lejn l-ulied. Illi l-esponenti jinsab ittorturat li jigi mcahhad milli jara lill uliedu ghalxejn b'xejn. Illi mhux gustizzja illi meta l-intimata ma kinitx veritiera fir-rikors taghha, taghzel li tiehu r-ridni f’idejha permezz tad-digriet u taghzel li teskludi lill-esponenti mil-hajja ta' uliedhom minghajr ebda speranza ghal ftehim bonarju minhabba l-insistenza taghha kontinwa li trid manteniment li l-esponenti ma jistax jaffordja. Illi huwa lest li jghati dak kollu li uliedu jehtigilhom skond l-mezzi tieghu izda l-intimata tirrifjuta li tikkopera fl-access bil-biza illi jekk l-esponenti jasal biex ikollu iktar tgawdija ma' uliedhom allura s-somma ta' manteniment tonqosilha;

12. Illi l-esponenti jixtieq jigbed l-attenzjoni tal-Qorti sabiex jispjega s-sitwazzjoni finanzjarja tieghu u cioe' illi qabel ma ntemment r-relazzjoni li kellu ma' l-intimata, huwa kien jghix flimkien maghha u ma' uliedu gewwa d-dar taghha u kienu jkampaw billi jaqsmu l-ispejjez bejniethom. Illi wara li r-relazzjoni intemmet, l-esponenti gie mkecci mid-dar fejn kien jabita u spicca sab refugju temporanju ghand ommu. Illi huwa qieghed prezentament ifittex post fejn ikun jista' mill-aktar fis jghix indipendentament mill-gdid u tali post ser ikun eventwalment wiehed li fih jilqa' ukoll lill-uliedu. Illi ghalhekk l-esponenti ihoss illi apparti l-ispejjez li jinkorri fihom fil-hajja ta' kuljum fil-futur qarib hafna bi hsiebu jmur jabita ghal rasu bl-ispejjez komprizi mieghu. Illi l-esponenti mhux qieghed jikkontesta is-somma ta' Eur 400 kapriccozament imma qieghed iqis l-

ispejjez kollha li ser jinkorri fihom gialdarba ser isib post fejn jabita malajr kemm jista' jkun. Tali problema l-intimata ma tolqotiex ghaliex post ghal rasha diga ghandha u ghalhekk mghandiex spejjez apparti li trid tohrog sabiex ikollha saqaf taht rasha;

13. Illi l-esponenti konxju ukoll li ghandu l-fakolta' kollha li jista' jiehu hsieb lill-uliedu waqt il-granet tieghu rest u off kif ukoll ukoll fil-granet tal-weekend. Illi ghalhekk l-manteniment tieghu lest li jipprovdih b'somma iktar ragonevoli tenut kont illi l-esponenti ser ikun qieghed jiehu hsieb lill-uliedu meta jkunu taht l-kura u kustodja tieghu fil-granet ta' l-access tieghu kif proponut mil-esponenti kif ukoll lest li jikkontribwixxi ghall-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni li jkunu jehtiegu uliedu;

14. Illi ghalhekk l-esponenti jitlob lil Qorti sabiex tqis il-kaz b'lenti soggettiva tenut kont r-ragunijiet u proposti ragonevoli u realisitici li qieghed jghaddi u joffri sabiex it-tmiem tar-relazzioni ta' bejnu u l-intimata ma tkunx distruttiva fil-konfront tieghu fuq qasam finanzjarju u kemm ukoll emottiv fejn jidhol t-tgawdija tieghu ma' uliedu;

15. Illi fejn tidhol t-tgawdija lejn l-ulied l-esponenti jitlob huwa li jkun jista' jkun vicin iktar ta' uliedu ta' lanqas matul rest u off tax-shift tieghu ta' matul il-gimgha bil-fakulta ta' sleep overs fil-vaganzi tas-sajf u granet ohra accessibli matul l-weekend b'hinijiet li jkunu iktar flessibli kemm ghalih u kemm ghal uliedu. L-esponenti jigbed l-attenzjoni tal-Qorti illi meta l-intimata tkun xoghol uliedhom jispiccaw ghand omm l-intimata u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza. Illi l-esponenti jixtieq li bhala l-missier ta' l-ulied ikollu l-fakolta li jzomm hu t-tfal meta l-intimata tkun xoghol, u dan wara li tqies illi l-genituri ta' l-intimata issa ghandhom l-eta taghhom u jkun iktar idoneju illi gialadarba l-Qorti qed ssib missier illi ghandu daqshekk hegga u interess li jgawdi u jiehu hsieb bl-ahjar mod lill-uliedu;

16. Illi l-esponenti jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti illi l-kura u kustodla tkun wahda kongunta bejn l-partijiet;

17. Illi fir-rigward tal-manteniment, l-esponenti lest li jersaq ghal ftehim li jkun gust ghal uliedu u li jkun jiflah l-but tieghu b'tali mod illi l-esponenti jigbed l-attenzjoni tal-Qorti illi waqt illi uliedu jkunu mieghu huwa jaghmel dak kollu possibli biex jghaqdi lill-uliedu f’dak kollu li hu necessarju ghalihom;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka 'contrario imperio'd-digriet taghha datat 21 ta' April, 2013 u b'hekk:

1. Tordna lil-kura u l-kustodja tal-ulied ghandha tkun kongunta bejn il-partijiet;

2. Tordna fir-rigward tal-access ghall-ulied mill-esponent sabiex jigi hekk estiz ghal meta l-istess esponent ikun rest u off bil-fakulta' tas-'sleepover' u dan b'zieda ma' dak li gie dekretat fil-21 ta' April, 2013, salv li fix-xitwa l-esponenti jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha hekk tordna li testendi l-hinijiet ta' l-access ghall-esponenti versu uliedu rnit-tlieta ta' wara nofsinhar [3pm] u jiehodhom lura ghand ommhom fis-sebgha ta' filghaxija [7pm] ;

3. Tordna illi l-manteniment dovut ghall-ulied jigi rivedut u mnaqqas ghal-somma hekk aktar gusta mis-somma ta' Eur 400 u dan in vista tal-fatt li jekk tigi milqugha it-tieni talba surreferita l-ulied minuri jibdew iqattghu ferm aktar hin mal-esponenti.

4. Tahtar Avukat tat-Tfal ghall-ahjar interess tal-minuri u sabiex jaccerta l-istess interessi permezz ta' rapport.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra kif gej:-

1. Illi fl-ewwel lok u b'mod preliminari, it-talba tar-rikorrenti ghar-revoka contrario imperio tad-digriet moghti fl-atti ta' l-Ittra Numru 42/13 li permezz taghha l-eccipjenti intavolat il-proceduri ta' medjazzjoni bejn il-partijiet, ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti stante illi din it-talba, li ma hijiex enumerata u ma tifformax parti mill-korp tat-talbiet tar-Rikors Guramentat, ma saritx ai terrnini tad-dispozizzjonijiet ta' 1-Artikolu 156(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk l-istess talba hija nieqsa minn formalita' espressament rikjesta mill-Ligi u l-hija konsegwentement, nulla.

2. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghal dak diga' eccepit, din l-istess talba ghar-revoka contrario imperio tad-Digriet tal-21 ta' April 2013 ma tregix u ghandha tigi respinta anki ghaliex fit-tieni talba enumerata tieghu, ir-rikorrenti kjarament jitlob varjazzjoni tad-Digriet li minnha nnifisha teskludi revoka contrario imperio ta' l-istess Digriet. In effetti, ir-rikorrenti jrid illi dan l-istess Digriet jigi konfermat in kwantu ghall-modalitajiet tal-access ghal uliedu gja' stabbiliti, izda jitlob zieda fil-hinijiet, u ghal din ir-raguni wkoll certament li t-talba tieghu ghar-revoka contrario imperio ma tista' qatt tigi milqugha.

3. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi eccepit illi l-ordnijiet moghtija fid-Digriet datat 21 ta' April 2013 fl-atti ta' l-Ittra Numru 42/13, ghandhom jigu kkonfermati in toto salv ghall-kwistjoni tal-kura u kustodja ta' wlied minuri tal-partijiet li l-eccipjenti hija tal-fehma u titlob illi ghandha tigi affidata esklussivarment lilha bi dritt ta' access a favur tar-rikorrenti missierhom kif gja' stabbilit fl-istess Digriet imsemmi.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, fir-rigward ta' l-access stabbilit fid-digriet ta' l-21 ta' April 2013, jigi eccepit illi dan huwa ampju u ragonevoli u ma hemmx lok illi dan jigi varjat b'xi mod.

5. Illi in kwantu ghall-modalitajiet ta' 1-access ghall-minuri li r-rikorrenti jitlob li jigi stabbiliti favur tieghu, jigi eccepit illi dan huwa esagerat u f'ipotezi ta' sleepovers matul il-gimgha saret fix-xitwa sewwa sew fis-sajf, ma jista' qatt ikun fl-ahjar interess tal-minuri stante illi din is-sistema tinvolvi wisq caqliq tal-minuri minn post ghal iehor fuq bazi wisq frekwenti, b' rizultat ta' tahwid ghall-minuri fir-rutina taghhom.

6. Illi inoltre, it-talba tar-rikorrenti illi l-hinijiet ta' l-acccss tieghu ghall-minuri matul il-gimgha jigu estizi mill-5.00p.m. ghas-7.00pm, hija inaccettabbli stante illi l-minuri jaslu id-dar mill-iskola fis-2.40 p.rn. u kieku r-rikorrenti kellu jkollu access ghall-minuri mit-3.00p.m. dan ikun ifisser li l-minuri lanqas ikollhom c-cans effettiv li,wara li jaslu d-dar mill-iskola, jieklu, ibiddlu u jaghmlu l-homework.

7. Illi jigi eccepit ukoll illi jirrizulta car illi t-talbiet tar-rikorrenti fir-rigward ta' l-access tieghu ghal uliedu huma bbazati fuq dak li huwa komdu ghall-istess rikorrenti skond l-esigenzi tieghu, u mhux fuq dak li huwa komdu u fl-ahjar interess ta' uliedu, u l-effett prattiku ta' dak li qed jitlob ir-rikorrenti ser ikun li l-minuri ser jitilfu l-bazi taghhom, ossia l-implikazzjonijiet ta' dik li hija darhom. Ghalhekk, anke ghal din ir-raguni, it-tieni talba enumerata tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

8. Illi t-tielet talba enumerata tar-rikorrenti, ossia t-talba ghar-revizjoni u tnaqqis tas-somma ta'erba'mitt Euro (€400) fix-xahar stabbilita permezz tad-Digriet tal-21 ta' April 2013 in linea ta' manteniment li ghandu jhallas ir-rikorrenti ghal uliedha, hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda, stante illi s-somma ta' €400 fix-xahar hija gusta u ragjonevoli ghat-trobbija u ghajxien ta' zewgt ibniet minuri, tenut kont ukoll tal-bzonnijiet ta' l-istess minuri u l-mezzi tar-rikorrenti, li ghandu jhallas ukoll nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha tal-minuri.

9. Illi jigi eccepit illi huwa daqstant car illi t-talbiet tar-rikorrenti fir-rigward tal-access u manteniment, ma huma xejn ghajr tentattiv iehor ta' l-istess rikorrenti li jinnewtralizza l-hlas tal-mantenimernt fl-ammont li stabbiliet il-Qorti fid-Digriet tal-21 ta' April 2013, billi jitlob zieda fl-access tieghu ghall-minuri u juza dan l-argument biex jipprova jiggustifika t-talba tieghu ghat-tnaqqis tal-manteniment. Dan l-argument ma jista' qatt jitqies bhala wiehed li qed isir fl-ahjar interess tat-tfal. Ghandu jirrizulta li r-rikorrenti qieghed jaghmel talbiet ghall-ezercizzju ta' access ampju biex ikompli jaghmel, kif ilu jaghmel tul il-process kollu tal-medjazzjoni, l-argument del resto fallacji illi huwa ma ghandux ihallas ir-rata tal-

manteniment stabbilit fid-Digriet in kwistjoni, ghaliex uliedu jqattghu hafna hin mieghu u ghalhekk “huwa jiehu hsiebhom f’dak kolli li jehtiegu”.

10. Illi b'referenza ghal Dok. B esebit mir-rikorrenti mar-Rikors Guramentat, jigi rilevat illi dan il-payslip jirrapprezenta l-iktar paga baxxa li tista' tigi percepita mir-rikorrenti mill-impieg tieghu, stante illi dan il-payslip ma jinkorporax fih l-ammont dovut bhala shift allowance tal-weekend, liema shift allowance jithallas kull darba permezz ta' payslip separat li r-rikorrenti ghogbu ma jesebix mad-Dok. B in kwistjoni, u ghalhekk dan id-dokument ghandu jigi ezaminat fid-dawl ta' l-introjtu veru tal-istess rikorrenti.

11. Illi in effetti, l-eccipjenti diga' intavolat proceduri separati fil-konfront tar-rikorrenti P S, permezz ta' Rikors Guramentat bin-Numru 240/73/RGM fl-ismijiet W N vs P S, fejn hija qed titlob inter alia l-affidament esklussiva tal-kura u kustodja tal-minuri b'access a favur ta' l-intimat kif ukoll il-hlas ta' retta alimentarja in linea ta' manteniment ghall-istess ulied minuri. Ghalhekk, peress illi l-mertu taz-zewg proceduri huwa konness instrinsikament, hemm lok illi dawn iz-zewg proceduri jinstemghu kontestwalment u l-provi li jitressqu f'din il-kawza iservu ukoll bhala provi fil-kawza l-ohra.

12. Illi rigward ir-raba' talba enumerata tar-rikorrenti fir-Rikors Guramentat, l-eccipjenti filwaqt illi tichad li tezisti l-htiega f'dan il-kaz, anke mill-premessi stess tar-Rikors Guramentat u mit-talbiet l-ohra, tal-hatra ta' Avukat tat-Tfal u tissottometti umilment illi hatra ta' Avukat tat-Tfal f'dan il-kaz tista' sservi biss biex tinstawra iktar konfuzjoni f’mohh il-minuri, tirrimetti ruhha ghall-gudizzju tal-Qorti f'dan ir-rigward u f'kaz li din il-hatra ssir necessarja fil-futur.

13. Illi finalment, dejjern minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, dan ir-Rikors Guramentat tar-rikorrenti, in kwantu huwa intiz biex jattakka rikors li ilu jaf bih iktar minn disa' xhur, u biex jigi varjat id-Digriet relattiv li nghata waqt il-process ta' medjazzjoni bejn il-partijiet, ossia fl-atti ta' l-ittra bin-Numru 42/13, ma humiex hlief l-ezercizzju ta' dritt li r-rikorrenti seta' jezercita permezz ta' semplici rikors waqt il-process tal-medjazzjoni fejn kellu mhux inqas minn hames xhur ta' medjazzjoni bejn l-ghoti ta' dan id-Digriet u l-gheluq tal-process, biex jaghmel dan. B'danakollu, dan id-dritt ir-rikorrenti naqas milli jezercitah, bhal ma naqas ukoll milli jwiegeb addirittura ghar-rikors innifsu. Dan ir-rikors, bin-numru 638/13, kien gie intavolat mill-eccipjenti kontestwalrnent mal-prezentata tal-Ittra fuq imsemmija u li wasal ghad-Digriet tal-21 ta' April 2013 li huwa mertu tar-Rikors Guramentat tar-rikorrenti. F’dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, l-eccipjenti ma ghandhiex tbati fi kwasiasi kaz l-ispejjez ta' dawn il-proceduri in kwantu dawn saru minhabba l-inerzja totali tar-rikorrenti waqt il-process tal-medjazzjoni li kien ghamliha immedjatament ovvju li ma kienx jaqbel mal-kontenut tad-Digriet in kwistjoni, kif jista; jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

14. Illi rninghajr pregudizzju ghall-premess, jigi eccepit illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-6 ta' Frar 2014, fejn il-Qorti, wara li rat id-digriet tal-21 ta' April 2013, stabbiliet pendente lite l-hinijiet tal-access tal-missier ghat-tfal minuri, gie nominat l-Avukat Dottor Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju biex jisma l-provi limitatament ghad-dhul tal-partijiet u l-ispejjes tal-minuri u ordnat il-konessjoni mal-kawza l-ohra fl-ismijiet inversi (Rikors Guramentat Numru 240/2013;

Rat l-affidavit tal-attur ippresentat fis-seduta tat-23 ta' April 2014 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Beverly Calleja, in rappresentanza ta' ST Microelectronics Limited, u tal-attur li xehedu fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2014 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat l-affidavit tal-konvenuta, anness ma nota ppresentata fid-19 ta' Frar 2015;

Rat il-kontroezami tal-attur li sar fis-seduta tal-14 ta' jannar 2015 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat id-digriet tal-5 ta' Mejju 2015 moghti mill-Qorti seduta stante, dwar il-kamra gewwa Delimara, li tintuza mill-attur;

Rat il-kontroezami tal-konvenuta li sar fis-seduta tal-20 ta' April 2015 u tkompla fis-seduta tal-1 ta' Gunju 2015, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat id-digriet tas-16 ta' Gunju 2015, moghti mill-Qorti seduta stante dwar l-access tal-missier ghat-tfal fil-vakanzi tas-sajf;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2016.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet prezentata minn P S fis-7 ta' Lulju 2016.

Rat li l-kawza tinsab differita ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

IL-PROVI.

P S, l-attur, fl-affidavit tieghu mahluf fl-4 ta' Marzu 2014, Dok FT1 Fol 37 et seq jiddikjara li kellu jipprocedi b'din il-kawza kontra W minnhabba l-problemi li kellu dwar l-access u l-manteniment ta' uliedhom il-minuri X u Y.

Meta r-relazzjoni taghhom ntemmet bdew il-proceduri ta' medjazzjoni Nru 42/13 biex jiftehmu kif ser jiehdu hsieb it-tfal issa li infirdu. Ghalkemm saru diversi tentattivi biex jaslu bonarjament, waqt il-proceduri ta' medjazzjoni, il-konvenuta ppresentat rikors numru 638/13, li ma saritx risposta ghalih mhux b'disrispett lejn il-Qorti jew nuqqas ta' interess da parti tieghu izda billi fiz-zmien qasir ta' erba tijiem il-konsulent legali tieghu ma lahaqx ippresenta risposta u dan ghar ragunijiet personali.

Hu jghid li qabel kienu mexjin sew billi bl-ghajnuna tal-avukati ftehemu kemm fuq l-access kif ukoll fuq il-manteniment, li kien ta' Euro 250 fix-xahar. Hu jghid li hajtu inqalbet 'ta taht fuq' bid-digriet tal-21 ta' April 2013. Skond dan d-digriet hu kellu access ghaz-zewg uliedu minuri nhar ta' Erbgha u nhar ta' Hamis bejn il-5 pm u s-7 pm, is-Sibt bejn l-10am u l-4pm. Gie ordnat ukoll ihallas Euro 400 fix-xahar manteniment ghall-uliedu u nofs l-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni. Hu jghid li l-konsegwenzi ta' dan id-digriet kienu iebsin ghalih u inghata fuq il-premessi taghha li fil-konfront tieghu ma kienux veritjeri. Jghid li dejjem kienet theddu li ccahdu mit-tfal u finanzjarjament iggibu daru mal-hajt. Hu ikkontesta bil-qawwa l-allegazzjoni taghha li kien hemm qbil li l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun fdata lilha esklusivament. Hu dejjem ried jkun partecipi fid-decizjonijet relatati mat-tfal kif gara fit-tmien snin konvivenza taghhom. Hu cahad li minn mindu intemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom hu ma ikkontribwiex ghal-ghejxin tal-ulied u li ma hallasx manteniment. Jghid li f'dak iz-zmien il-kommunikazzjoni ta' bejniethom ma kienitx tajba u li meta kien joffrilha l-manteniment hi kienet tirrifjuta ghax kien ghad ma hemm xejn bil-miktub mill-Qorti.

Hu jikkontesta il-veracita' tal-ispejjes li l-konvenuta ddikjarat li kellha f'sena shiha, l-ammont minnha indikat ta' Euro 14,744 mhux realistiku. Dwar l-ammonti minnha pretizi ma gew ippresentati l-ebda ricevuti b'konfema li kienu saru dawn l-ispejjes.

Dwar il-kont tad-Dawl u l-Ilma fl-ammont ta' Euro 600 hu rrileva li l-konvenuta ma semmhietx l-pompa tal-ilma li tahdem bl-eletriku, li minnha taghmel uzu ukoll ommha billi d-djar jinfdu.  Dwar il-kont tal-ikel, Food and Groceries fl-ammont ta' Euro 6,320 hu ddikjara li meta kienu flimkien kienu jaghamlu xirja ta' Euro 100/ Euro 120 fix-xahar. Din ix-xirja kienet isservi ghalihom l-erbgha u mhux iz-zewgt itfal biss. Hi ddikjarat li l-ispejjes ta' meals at home jammontaw ghal Euro 360 fix-xahar u school lunches Euro 200 fix-xahar, li fis-sena jammontaw ghal Euro 2000. Hu ddikjara li l-granet tal-iskola fis-sena huma ta' 171, jekk taqta' il-vakanzi u l-holidays, li jfisser li l-konvenuta qed thallas Euro 11.70 kull jum ghall-lunch tal-iskola. L-attur jinsisti li  dan l-ammont mhux realistiku, apparti l-

fatt li meta kienu ghadhom jghixu flimkien jaf bhala fatt li qatt ma kienu jonfqu dak l-ammont ghal is-school lunches tat-tfal.

Hu jikkontesta ukoll l-ammont ta' Euro 800 li l-konvenuta indikat bhala 'Miscellaneous, drinks and food out'. Dwar l-ispejjes medici u vizti tal-General Practitioner, irrileva li ghandhom Assikurazzjoni, Bupa, li taghmel tajjeb ghall-ispejjes ta' sahha. Hi naqset li tippreciza x'kienu l-ispejjes medici ta' Euro 100.
Clothing and Shoes. Il-konvenuta ddikjarat li ghandha spejjes ta' Euro 2000 fis-sena ghall-hwejjeg u z-zraben. L-attur jghid li hu sorpriz kif il-konvenuta tippretendi li ghamlet dawn l-ispejjes fuq il-hwejjeg billi meta jkunu mieghu ma jkollhomx hwejjeg sura tant li kellu jaghmel xirja ta' hwejjeg hu stess.

School Expenses Euro 1,300. L-attur jikkontesta din il-pretensjoni. Hu ivverifika mal-Principal tal-Iskola fejn jattendu l-minuri li infumah li matul is-sena skolastika l-ispejjez huma anqas; Photocopies, outings, school extras jammontaw ghal Euro 48.50 u mhux Euro 200 kif ikkalkulat l-konvenuta; Stationary Euro 200 mhux Euro 500 kif iddikjarat il-konvenuta; School Uniforms Euro 388 u mhux Euro 500 kif iddikjarat l-konvenuta.

L-attur jikkontesta l-pretensjoni tal-konvenuta li ddikjarat li nefqet Euro 200 ghal birthdays u parties. Ma giet prodotta l-ebda prova dwar dawn l-ispejjes.

Dwar il-home loan ta' Euro 2,244 l-attur jiddikjara li ma ghandhux x'jaqsam billi l-konvenuta kienet xtrat d-dar tal-genituri taghha, waqqetha u regghet tellghet kollox bi flusha.

Dwar l-ispejjes tal-hajja l-attur iddikjara li meta kienu flimkien ftehemu li johorgu LM175 kull wiehed kull hmistax u kienu jkopru l-ispejjes kollha tal-hajja taghhom u ta' uliedhom. Ma jifhimx kif issa li sseparaw dawn l-ispejjes ' sparaw fis-sema'.

Hu jikkonferma li kien ghamlilha prokura biex tiggestixxi flusu, kellha l-internet banking fuq il-kontijiet tieghu, fethu joint account biex fih jiddepozitaw il-flus tal-hajja, izda hi kienet tigbidhom mill-ewwel tant li meta kien jixtri hu kien jhallas minn butu.

L-attur jghid li hi qatt ma taghtu access ghall-kontijiet taghha jew tat-tfal. Meta X ghamlet il-pracett, rigali ta' flus minn naha tal-familja tieghu kellha Euro1,300. Hu zammhom f'envelope biex meta jkollu l-opportunita' jifthilha kont bankarju, izda wara xi zmien l-envelope ma sabux u l-konvenuta qaltlu li hadithom hi u li kienet ser tonfoqhom fl-ispejjes tal-pracett, meta dawn l-ispejjes kienu gja' hallsuhom nofs bin-nofs.

Hu ddikjara li qed ihossu mhedded mill-konvenuta li tibqa' tinsisti li hu jhallas manteniment li ' ma jistax jaffordja'. Jghid li l-konvenuta tirrifjuta li tikkopera fl-access billi jekk it-tfal ikunu mieghu ghal aktar zmien is-somma tal-manteniment tonqsilha.

Dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tieghu ddikjara li meta kienu jghixu flimkien mal-ulied fid-dar tal-konvenuta kienu jlahhqu mal-ispejjes billi kienu jaqsmuhom bejniethom. Wara li ntemmet ir-relazzjoni l-konvenuta keccietu u sab rifugju temporanju ghand ommu. Iddikjara li qed iffettex post biex jkun jista jghix indipendenti u fejn jista' jzomm lill-uliedu u ghalhekk genwinament ihoss li l-manteniment ta' Euro 400 fix-xahar hu spiza gholja wisq ghalih, u li jixraq li dan jigi ridott partikolarment jekk l-ulied jinghataw aktar hin mieghu fejn personalment jiehu hsieb ghall-htigijiet kollha taghhom.

Hu jikkonkludi billi jiddikjara li t-talbiet tieghu jixraq li jigu milqugha biex b'hekk ma jitkissirx finanzjarjament u mill-lat emottiv fejn tithol it-tgawdija ta' uliedu.

Beverly Calleja, in rappresentanza ta' ST Microelectronics Limited, xehedet fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2014 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 80. Hi kkonfemat li iz-zewg partijiet huma impjegati tal-Kumpanija ST Microelectronics, l-attur beda jahdem hemm fis-6 ta' Marzu 2000 u il-konvenuta ilha tahdem hemm mill-20 ta' Ottubru 1997. It-tnejn jahdmu fil-Production Area bil-four shift system, day,night,rest u off. Tnax il-siegha mis-6 am sas-6 pm , bil-lejl mis-6 pm sas-6 am u wara jkun hemm rest u off. Jistghu jigu msejjha ghall-overtime. Iddikjarat li ma tafx jahdmux fl-istess shift jew shifts differenti. Overtime jinhadem skond l-htigijiet tas-Section. Hi ppresentat l-FS3 taghhom ghal hames snin mit-2009 sat-2013. Ikkonfermat li hi Payroll Officer.

W N, l-konvenuta, fl-affidavit taghha mahluf fit-18 ta' Frar 2015, Fol 153 iddikjarat li b'zieda ma dak minnha kkonfermat fl-affidavit taghha ppresentat fil-kawza fl-ismijiet inversi Rikors Numru 240/13 u anke bi kjarifika dwar dak li qal l-attur, irrilevat dwar id-dokument Dok T li hi ivverifikat mal-istess principal tal-iskola Mr D Grech li kkonfermalha li l-lista kienet stima u mhux spejjes li attwalment thallsu, in oltre il-lista tirreferi ghaz-zmien bejn Settembru 2013 u Frar 2014 u mhux ghas-sena skolastika kollha. Ezebit id-Dok XX1 li juri n-notamenti tas-surmast bi spjegazzjoni dwar l-ispejjes tal-iskola. Hi kkonfermat li minn Frar 2014 'l hawn hallset izjed spejjes ghall-iskola, attivitajiet li jorganizzaw l-iskola u ma talbitx lill-attur ihallas nofshom.

Dwar l-flus li t-tfal kienu jaqghalaw bhala rigali hi ddikjarat li iddepozitathom f'kontijiet bankarji, Young Savers Account u ezebit zewg statements of account ta' dawn il-kontijiet li juru id-deposits li ghamlet f'isem it-tfal fl-ahhar hames snin.

Dwar d-dar ipprecizat li l-genituri taghha kienu tawielha b'donazzjoni u ppresentat il-kuntratt, li gie mmarkat Dok XX4. Il-loan kienet haditha biex tirranga id-dar billi ma kienitx fi stat abitabbli. Id-dar hi r-residenza ta' uliedhom u ghalhekk inkludiethom bhala spejjes li hi qed taghmel ghal uliedhom. Tghid li l-attur ghamel seba xhur ma jhallax manteniment ,beda jhallas wara d-digriet tal-21 ta' April 2013 u anke wara dan d-digriet ghamel diversi xhur ihallas kemm deherlu hu.

Dwar il-loan ddikjarat li ghad fadal bilanc ta' Euro 20,000 u thallas pagamenti mensili ta' Euro 187.

Hi tichad li kienet iccahhad lill-attur mill-access ghat-tfal. Fis-sajf tat-2014 biex jgawdihom aktar kienet anke ipproponietlu li johodhom gurnata shiha flok darbtejn fil-gimgha meta jkun rest jew off mix-xoghol biex anke jkun jista' johodhom il-bahar. Hu, pero' ma accettax. Hi rrilevat li fis-sajf fuq ix-xoghol ikollhom hafna overtime li jaghmilha aktar difficli li jqattghu gurnata shiha mat-tfal.
W N tikkontesta dak dikjarat mill-attur li t-tfal qatt ma raqdu mieghu waqt li kienu fil-process ta' medjazzjoni. Anke qabel id-digriet tal-21 ta' April 2013, it-tfal gieli raqdu ghandu billi kienu qed jippruvaw jahdmu fuq sistema ta' access skond ir-roster tax-xoghol taghhom, u l-attur kien qed izomm it-tfal ferm aktar minn dak indikat fl-imsemmi digriet. Dan pero' gie kkontestat mill-attur meta xehed in kontroezami, Fol 167.

Il-konvenuta, in kontroezami, Fol 202 ddikjarat li l-attur kien dejjem tard fil-hlas tal-manteniment. Kien jhallas b'cheque f'nofs ix-xahar bid-data tax-xahar ta' qabel. Ikkonfermat li l-attur kien hallas sehemu mill-ispejjes tal-iskola Sajf tat-tfal ghalkemm mhux hekk kienet ddikjarat fl-affidavit. Tispjega li probabilment dan gara ghax kien hallasha wara.

Dwar r-rigali fi flus li kienu rcevew it-tfal hi ma kienitx f'posizzjoni tikkonferma li dawn kienu fl-ammont ta' Euro 1,300 pero' ddikjarat li fethet kont fil-Bank ghat-tfal u l-flus taghhom iddepozitathom hemm. Lill-attur kienet qaltlu li kienet ser tifthilhom kont billi dak iz-zmien kienu ghadhom flimkien.

Minn Settembru 2012 sa Marzu 2013 ma hallasha xejn. F'April 2013 nghata d-digriet li stabilixxa l-manteniment fl-ammont ta' Euro 400 fix-xahar, izda f'April, Mejju u Gunju hallas Euro 250 flok Euro 400, ghamel xaharejn ohra jghatiha Euro 300 u beda jhallas il-manteniment skond id-digriet f'Ottubru 2013. Hi cahdet li l-attur qatt offrilha manteniment li hi rrifjutatu. Dwar l-access skond ir-roster ddikjarat li t-tfal thawdu ' qishom gypsies' jumejn ghandha u jumejn ghandu.

L-attur xehed fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2016, Fol 287. Hu kkonferma li ha loan mill-Bank mal-partner tieghu Dorianne biex jixtru dar. Hu kien ilu jghix ma' ommu ghal tlett snin u l-post il-gdid, ghalkemm kien nxtara ma marx joqghod fih billi kien qed jirrangah. Qed ihallas repayment tal-loan Euro 270 fix-xahar. Hu ddikjara li l-partner thallas ukoll pagament fix-xahar pero' anqas minnu billi harget aktar minnu biex jirrangaw il-post. Il-pagament globali fix-xahar hu fl-ammont ta' Euro 351.

Il-konvenuta xehedet fl-istess seduta, Fol 292. Hi kkonfermat li minnhabba it-tfal ma baqghetx tahdem bil-4 shift cioe' weekends u bil-lejl, day, night, rest u off u minflok bdiet tahdem 8 sieghat kull jum mit-Tnejn sal-Gimgha. Bil-lejl ma tahdimx, pero' il-paga naqqset billi ma ghandhiex shift allowance.

B'verbal registrat fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2016, l-partijiet nghataw il-fakolta' li jippresentaw noti ta' osservazzjonijiet, izda giet ippresentata nota minn W N biss fil-kawza Rikors Numru 240/2013, Fol 48.

## KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI.

## LIGI U GURISPRUDENZA.

L-attur qed jitlob li l-kura u kustodja taz-zewg ulied minuri, X u Y tkun kongunta bejn il-partijiet; li l-hinijiet tal-access ghat-tfal jigu estizi ghal meta jkun rest u off mix-xoghol bil-fakolta' ta' sleep over, u li fix-xitwa il-hinijiet tieghu ghall-access jigu estizi u jkunu mit-3pm sas-7pm; li jigi rivedut u jitnaqqas il-manteniment stabbilit fl-ammont ta' Euro 400 fix-xahar u li-jigi nominat Avukat tat-Tfal ghall-ahjar interessi tal-minuri.

Il-provedimenti legali fil-Kodici Civili referibbli ghad-dover tal-genituri li jipprovdu manteniment lill-uliedhom huma s-segwenti;

Artikolu 7.

(1) Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb,imantnu,ighallmu u jedukaw lill-uliedhombil-mod stabbilit fl-artikolu 3B.

Artikolu 19.
(1) Fil-manteniment jidhlu l-iekel,l-ilbies,is-sahha u l-abitazzjoni.
(2) Fil-manteniment li ghandu jinghata lill-ulied u dixxendenti ohra, jidhlu ukoll l-ispejjes mehtiega ghas-sahha u ghall-edukazzjoni taghhom.

Artikolu 20.

(1) Il-manteniment ghandu jinghata skont il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih.

(2) Fl-istharig sa biex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalghu xorta' ohra,ghandu jittiehed qis ukoll tal-hila tieghu fl-ezercizju ta' xi professjoni, arti jew sengha.

(3) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat ghall-manteniment, ghandu jinghad biss l-qligh tieghu mix-xoghol tal-professjoni, arti jew sengha, is-salarju jew il-pensjoni tieghu moghtija mill-Gvern jew minn haddiehor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dhul li jinholoq taht trust.

(4) Ma jitqiesx li ghandu l-mezzi bizzejjed biex jaghti l-manteniment min ma jistax jaghtih hlief billi jilqa f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.

(5) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, ghandu jittiehed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess beneficjarju taht trust.

IL-partijiet, genituri tal-minuri, m'humiex mizzewgin lil xulxin. Dwar l-obbligi ta' manteniment tal-ulied ta' genituri li ma jghixux flimkien japplikaw l-istess regoli, sew jekk il-genituri huma mizzewgin lil xulxin, sew jekk le. Issir ghalhekk riferenza ghall-provvedimenti legali fil-Kodici Civili li jipprovdu dwar il-manteniment tal-ulied f'kas ta' firda tal-genituri mizzewgin;

Artikolu 54.

…………-omissis-………..

(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f'kas ta' firda, jigi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-mizzewgin, il-hila taghhom li jahdmu u l-bzonnijit taghhom, u ghandhom jitqiesu ukoll ic-cirkostanzi l-ohra kollha tal-mizzewgin u tal-ulied, imkluz dan li gej:

(a) il-bzonnijiet tal-ulied, wara li jkunu tqiesu ic-cirkostanzi kollha taghhom;

(b) xi dizabilita', kif imfissra fl-Att dwar l-Opportunitajiet Indaqs ghal Persuni b'Dizabilita', kemm jekk hija fizika jew mentali;

(c) cirkostanzi ta' mard li tant ikunu serji u gravi li jikkomprometttu l-kapacita' tal-mizzewgin jew ta' l-ulied li jmantnu lilhom infushom;

………..-omissis-…………

(e) kull qligh jew beneficcju li l-mizzewgin, jew min minnhom, jircevu skont il-ligi, minbarra kull ghanuna socjali li mhix kontributorja lit kun qed tithallas lilhom taht l-Att dwar is-Sigurta' Socjali;

Izda ghall-fini ta' dan il-paragrafu,ghandha titqies il-pensjoni ghad-dizabilita' taht l-artikolu 27 tal-Att dwar is-Sigurta' Socjali;

(f) il-htigijiet ghall-akkomodazzjoni tal-mizzewgin u tal-ulijed;

(4) Il-Qorti fl-ghoti tal-manteniment tista' tipprovdi ukoll ghall-mod ta' kif dan jista' jawmenta minn zmien ghal zmien.

……….-omissis-…………..

L-Artikolu 56 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta intitolat " Hsieb tal-Ulied wara il-Firda" jipprovdi illi:

(1) Meta taghti s-sentenza tal-firda, il-Qorti ghandha tordna wkoll lil liema wahda mill-partijiet ghandha tigi fdata il-kustodja tat-tfal u l-konsiderazzjoni ewlenija tkun il-gid tal-ulied.

(2) IL-Qorti tista', jekk tqis li dawk il-mizuri jkunu tassew mehtiega, u wara li tqis ic-cirkostanzi kollha rilevanti, tordna li l-ulied jitqieghdu taht il-kustodja ta' persuna in loco parentis. Ta' terzi jew f'xorta ohra ta' kura.

(3) Il-Qorti tista' taghti dawk l-ordnijiet fis-sentenza tal-firda, ghalkemm fl-azzjoni ghaliha ma tkun saret l-ebda talba, dwar il-kustodja tal-ulied.

(4) Il-Qorti tista', f'kull zmien, tirrevoka jew tbiddel dawk l-ordnijiet dwar l-ulied, meta l-interessi tal-ulied hekk jitolbu.

(5) Il-Qorti tista' barra dan, meta c-cirkostanzi hekk jehtiegu, tistabbilixxi li xi hadd mill-genituri jew it-tnejn ikunu michuda mill-jeddijiet tal-awtorita' tal-genituri ghal kollox jew f'parti.

Il-Qrati taghna konsistentement irritenew illi l-quantun tal-manteniment tal-minuri pagabbli mill-genitur li mghandux il-kustodja tal-minuri, jigi stabbilit wara apprezzament li l-Qorti trid taghmel tal-fatti migjuba quddiemha fid-dawl tal-provvedimenti legali appena citati.

Fil-kawza fl-ismijiet **Angela Conti vs Lawrence Bonnici** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Frar 2015 ntqal hekk:

“ Wiehed l-ewwelnett jifhem li f’ezercizzju bhal dak li taghmel il-Qorti meta tiffissa hlas ta’ manteniment l-istess Qorti tkun qed taghmel apprezzament tal-fatti li jkollha quddiemha u mbaghad skond l-artikoli fuq imsemmija tal-Kodici Civili tasal ghall-konkluzzjoni taghha dwar x’ghandu jkun l-ammont gust li jithallas.”

Fil-kawza fl-ismijiet **Catherine Mifsud vs Louis Mifsud** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta’ Ottubru 2013 ntqal li :

“ Il-manteniment ma huwiex xi dritt sagrosant ta’ min jissepara izda jigi ordnat il-hlas tieghu meta hemm il-bzonn ( L-artikolu 20.1 tal-Kodici Civili jghid li l-manteniment ikun dovut skond il-bzonn ta’ min qed jitolbu ). Skont is-subincizi l-ohra tal-istess Artikolu l-manteniment ghandu jigi iffissat skont il-mezzi ta’ min hu obbligat jivversah u dawn il-mezzi jinkludu l-qliegh mill-attivita’ tieghu u anke l-utili tal-beni tieghu.”

Fil-kawza fl-ismijiet **Francienne Fenech vs Alexander sive Sandro Fenech** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta’ April 2016 l-appellant appella mis-sentenza tal- Prim Istanza li kienet affidat il-kura u kustodja tal-minuri esklussivament f’idejn l-omm. Il-Qorti tal-Appell iccitat b’approvazzjoni dak riportat fis-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fil-kawza numru 277/2012 fl-ismijiet **Scott Schembri vs Dorianne Polidano** deciza fit-30 ta’ April 2015, fejn il-pozizzjoni legali korretta u stabilita fil-gurisprudenza f’kazijiet ta’ determinazzjoni ta’ kura u kutodja tal-minuri u modalita’ ta’ access favur il-minuri giet deskritta bil-mod segwenti;

“ In tema legali issir riferenza ghas-sentenza moghtija fit-3 ta’ Ottubru 2008 fl-ismijiet Miriam Cauchi vs Francis Gauci fejn il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi fejn il-genituri ma jitkellmux talba ghall-kustodja kongunta ghandha tigi skartata mill-Qorti. Din il-Qorti filwaqt li tiddikjara li taqbel ma’ tali pronunzjament izzid illi l-istess principju japplika fejn iz-zewg genituri m’humiex kapaci jitkellmu b’mod civili ma’ xulxin li l-kura u kustodja ma ghandhiex tkun kongunta ghalhiex immankabilment tkun sors ta’ litigji ulterjuri b’detriment serju ghall-benessere tal-minuri.

Fis-sentenza appena citata l-Qorti tal-Appell iddikjarat hekk:
“ Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m’hemmx dritt ghall-access, izda l-obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtiegilha jkollha kuntatt ma’ omma u anke ma’ missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htiegijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma il-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabbilita’ emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mall-genituri taghha bl-anqas disturb possibli.”

**MANTENIMENT.**

L-attur jillmenta mill-quantum stabbilit fid-digriet tal- 21 ta' April 2013, cioe' Euro 400 fix-xahar ghaz-zewg ulied, kif ukoll nofs l-ispejjes ta' edukazzjoni u sahha. Hu qed jitlob li dan l-ammont jigi ridott biex hu ma jsoffrix *hardship* finanzjarju. Jirrizulta illi wara l-ghoti tal-imsemmi digriet f'April, Mejju u Gunju 2013 l-attur minflok Euro 400 fix-xahar hallas Euro 250, wara ghamel xaharejn, Lulju u Awissu ihallas Euro 300 u minn Settembru 2013 beda jhallas Euro 400 fix-xahar skond l-imsemmi digriet.

Iz-zewg genituri jahdmu mal-ST Microelectronics Limited. Skond l-FS3's ghas-sena 2011 l-attur rceva gross l-ammont ta' Euro 18,351.61, Fol 14 u l-konvenuta ghall-istess sena 2011 rceviet l-ammont ta' Euro 19,010.61. L-attur ghas-sena 2012 rceva mill-impieg tieghu l-ammont ta' Euro 19,431.12, Fol 96, u fis-sena 2013 rceva l-ammont ta' Euro 21,579.05, Fol 98. L-konvenuta ghas-sena 2012 rceviet l-ammont ta' Euro 19,812.67 Fol 124; fis-sena 2013 rceviet l-ammont ta' Euro 20,829.49 Fol 126.

Il-partijiet ma qablux dwar l-ispejjes li jitnefqu fit-trobbija tal-minuri. L-attur jikkontesta l-figuri indikati mill-konvenuta. Ghalkemm hu veru li d-Dok A, pagna wara Fol 8, li l-konvenuta elenkat bhala spejjes tal-minuri hu dokument generiku u approsimattiv, pero' indubbjment it-trobbija taz-zewg minuri tirrikjedi spejjes konsiderevoli. Hu ovvju li l-konvenuta ghandha spejjes ta' ikel, hwejjeg, skola u l-ispejjes kollha relatati bhal uniformijiet, kotba, attivitajiet organizzati mill-iskola, private lessons, spejjes medici u infinita' ta' spejjes ohra.

Iz-zewg genituri ghandhom dhul mill-impieg taghhom ta' circa Euro 22,000 fis-sena kull wiehed cioe' aktar minn Euro 1,800 fix-xahar. Id-digriet ikkontestat mill-attur stabilixxa manteniment ta' Euro 400 fix-xahar ghaz-zewg ulied u nofs l-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni. Jekk wiehed jnaqqas dan l-ammont mid-dhul tal-attur jibqa' bilanc ta' Euro 1,400 fix-xahar.

L-attur qieset ukoll l-ispejjez li ghandhom iz-zewg partijiet fid-dawl tad-dhul rispettiv taghhom. Wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz il-Qorti thoss li ghandu jkun hemm varjazzjoni moderata fil-quantum tal-manteniment li attwalment il-missier qed ihallas pendente lite. Fic-cirkostanzi partikolari l-Qorti hi tal-fehma illi l-manteniment pagabbli mill-missier ghaz-zewg minuri ghandu jkun ta' tlett mija u hamsin ewro (€350) kull erba' gimghat b'effett millum b'dan illi l-manteniment pendente lite ghandu jibqa' regolat bid-digrieti pendente lite. Il-manteniment hawn stabbilit jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u jibqa' jithallas anke wara li l-minuri jaghlqu 18-il sena jekk jibqghu jistudjaw full-time u dan sakemm jaghlqu 23 sena. Dan oltre nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha.

**Kura u Kustodja tat-Tfal Minuri u Access.**

L-Access tal-missier ghall-ulied kien originarjament regolat bid-digriet tal-21 ta' April 2013 li stabbilixxa li l-missier jkollu access ghall-uliedu nhar ta' Erbgha u nhar ta' Hamis bejn il-5pm u is-7pm u is-Sibt bejn l-10am u l-4pm u l-kura u kustodja fdata esklussivament favur l-omm. L-attur jikkontendi li l-hinijiet tieghu ghall-access ghandhom jkunu estizi bhala hin kif ukoll varjati u modifikati biex jkunu jaqblu mal-hinijiet tieghu cioe' meta ma jkunx xoghol u jkun 'rest' jew 'off'.

B'digriet moghti seduta stante fis-6 ta' Frar 2014 il-Qorti ordnat li pendente lite l-attur, P S ikollu access ghaz-zewg ulied minuri Y u X fost il-gimgha darbtejn fil-gimgha mit-3.30pm sal-5.30pm fil-granet li P S jkun rest jew off, u sleepover fi tmiem il-gimgha jew mill-Gimgha fis-6pm sas-Sibt fis-6pm jew mis-Sibt fis-6pm sal-Hadd fis-6pm f'dawk il-granet li P S ma jkunx xoghol ta' bil-lejl jew li jkun xoghol li jibda fis-6am.

B'digriet moghti seduta stante fil-5 ta' Mejju 2015 l-Qorti ordnat lill-attur li f'zmien 10 tijiem jinstalla safe fil-kamra li juza f'Delimara ghall-kacca fejn tinzamm arma, li ghandha tinzamm f'dan is-safe u ghandu jassikura li c-cavetta ma' tkunx accessibbli ghall-minuri, u li ma jiehux lill-minuri f'din l-kamra qabel jigi installat dan is-safe; ghandu jassikura li l-minuri jkunu sorveljati minn persuni adulti u responsabbli meta hu jallontana ruhhu minn din il-kamra u t-tfal jkunu mieghu; u dwar l-oggezzjoni tal-konvenuta li t-tfal jorqdu hemm fix-xitwa, il-Qorti rriservat li tipprovdi ulterjorment jekk il-partijiet ma jiftehmhux.

B'digriet moghti seduta stante fis-16 ta' Gunju 2015, il-Qorti ordnat li matul il-vakanzi tas-Sajf l-access tal-missier fost il-gimgha jigi varjat billi f' jumejn fejn ikun rest jew off l-access tal-minuri jibda fis-sitta ta' filghaxija bi sleepover sal-gurnata ta' wara fit-tminja ta' filghaxija u dan fi granet li P S ghandu javvza lil Lilliana N sa mhux aktar tard minn gimgha qabel, u dan b'sostituzzjoni ta' darbtejn fost il-gimgha saghtejn kull darba. Fi tmiem il-gimgha jibqa kif gja regolat precedentement.

B'verbal registrat fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2016, il-Qorti rrilevat li l-partijiet kienu ftehmu dwar il-modalita' tal-access b'eccezzjoni ta' meta il-missier iraqqad lill-ulied minuri fil-kamra li tinsab f'arja rurali u saret rakkommandazzjoni biex jilhqu akkordju anke fuq din il-kwistjoni.

Il-konvenuta, fl-affidavit taghha fil-kawza fl-ismijiet inverse Rikors Nru 240/2013, Fol 18 tiddikjara li ghalkemm id-digriet tal 21 ta' April 2013 kien stabbilixxa il-hinijiet tal-accees ghat-tfal mill-missier hi ma insistithiex li dan jigi

skrupolozament enforzat u ipprovat issib kompromess tenut kont li l-missier jahdem bis-shift u jkollu granet rest jew off. Dan l-arrangament hadem billi l-missier kien jezercita l-access tieghu ghat-tfal meta jkun rest u off.

Fis-Sajf hu kien ippropona li it-tfal joqghodu jumejn ghandha u jumejn ghandu, pero' dan l-arrangament ma kienx success billi harbat r-rutina tat-tfal li 'kienu qishom zingari dejjem jiggru bil-basktijiet tal-hwejjeg'.
Hi kkonfermat li biex takkomoda lill-missier, hu qed jiehu li-tfal meta jkun rest jew off darbtejn, gieli tlett darbiet fil-gimgha mit-3.30pm sas-6pm. Fil-weekend johodhom gurnata jew is-Sibt jew il-Hadd. Hi ddikjarat s-segwenti bhala l-ahhjar proposta li anke takkomoda lill-missier minnhabba is-sieghat partikolari tax-xoghol tieghu:

"Jiena nixtieq li bhala access, P jara lit-tfal meta jkun rest jew off, izda mhux aktar minn darbtejn fil-gimgha, u fil-weekend l-access jkun jew is-Sibt jew il-Hadd ghal gurnata.

Waqt il-vakanzi ma ghandix oggezzjoni jekk P jiehu lit-tfal ghall-gurnata shiha fost il-gimgha".

Din il-proposta hi certament aktar accettabbli ghall-attur, billi id-digriet gja imsemmi tal-21 ta' April 2013 indika granet specifici meta il-missier matul il-gimgha kellu l-access ghall-ulied cioe l-Erbgha u il-Hamis, mentri il-partijiet lahqu kompromess li l-granet ikunu meta il-missier jkun rest jew off li mhux necessarjament jkunu l-Erbgha u il-Hamis.

Anke il-possibilta' li fis-Sajf il-missier jkun jista jiehu lit-tfal ghall-gurnata hi proposta posittiva, billi t-tfal ikunu bil-vakanzi u l-missier jkun gurnata shiha off u jkunu jistghu jgawdu il-kumpanija ta'xulxin gurnata shiha anke billi possibilment imorru gurnata il-bahar.

Mill-aspett purament prattiku jirrizulta li dawn l-hinijiet huma l-aktar konvenjenti ghal kullhadd. Minn banda l-missier jkun moqdi billi lit-tfal jarahom meta jkun rest jew off mill-banda l-ohra b'dan il-mod l-ulied ma jharbtux ir-rutina normali taghhom, b'mod li jibqa jkollhom kuntatt regolari ma' missierhom.

Fir-rigward tal-kura u kustodja tal-minuri il-missier qed jitlob li l-kura u kustodja tkun wahda kongunta filwaqt li l-omm qed titlob li tinghata l-kura u kustodja esklussiva tal-ulied. Decizjoni dwar il-kura u kustodja tat-tfal hi wahda serja. Hafna drabi tali decizzjoni jkollha effett duratur fuq l-izvilupp tal-minuri. Tali decizzjoni, bhal kull decizzjoni li tirrigwarda minuri, trid tittiehed fil-konsiderazzjoni ta' dak li hu fl-ahjar interess tal-minuri. F'kull kaz fejn iz-zewg genituri ma jibqghux jghixu flimkien tinholoq in-necessita' li ssir evalwazzjoni

dwar jekk il-kura u kustodja tal-minuri ghandiex tithalla f'idejn iz-zewg genituri flimkien jew inkella tinghata f'idejn xi hadd mill-genituri.

Fil-kaz odjern il-kura u kustodja pendente lite inghatat f'idejn l-omm. Meta wiehed jezamina l-provi kollha mressqa f'din il-kawza isib illi l-fattur li dwaru l-partijiet l-aktar li kellhom disgwid kien it-tehid tal-minuri minn missierhom f'kamra gewwa Dellimara fix-xhur tax-xitwa kif ukoll li jhallihom wahedhom meta jmur ghal kacca.

Il-Qorti hi tal-fehma illi z-zewg genituri jixtiequ l-ahjar ghaz-zewg uliedhom komuni. Fil-fehma tal-Qorti ma jezistux l-estremi sabiex il-missier jigi eskluz mid-decizzjonijiet l-aktar importanti fil-hajja ta' uliedu li jirrigwardaw l-edukazzjoni u s-sahha. L-istess ghandu jinghad fejn jirrigwarda is-safar tal-minuri.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tiddeciedi illi filwaqt li l-kura u kustodja ordinarja ghandha tkun f'idejn l-omm li maghha l-minuri jirrisjedu, decizzjonijiet straordinarji li jirrigwardaw l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri ghandhom jittiehdu flimkien miz-zewg genituri. L-istess fir-rigward ta' safar.

Fir-rigward tal-access tal-missier dan ghandu jibqa' jigi ezercitat bil-mod kif attwalment qed jigi ezercitat b'mod li matul is-sena darbtejn fost il-gimgha saghtejn kull darba u fi tmiem il-gimgha bi sleepoever bil-granet jigu miftehma mill-partijiet minn zmien ghal zmien. Matul il-vaganzi tas-Sajf jizdiedu sleep overs matul il-gimgha skond kif minn zmien ghal zmien jifthemu l-partijiet.

Bl-istess mod il-partijeit ghandhom jistabbilixxu l-access fl-ahjar interess tal-minuri ghal zmien il-Milied u l-Ewwel tas-Sena; L-Ghid, Jum il-Missier u Jum l-Omm, Gheluq snin il-Minuri; u Gheluq Snin il-Genituri.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja li tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenuta fid-dawl ta' dak hawn deciz.

1. Tichad parzjalment l-ewwel talba attrici u tordna li l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri tal-partijiet Y u X, tkun fdata esklusivament f'idejn ommhom il-konvenuta Lilliana N bil-kondizzjonijiet elenkati supra taht l-intestatura "Kura u Kustodja tat-Tfal Minuri u Access";

2. Tilqa' parzjalment it-tieni talba u tordna li l-missier ghandu jezercita access versu z-zewg minuri bil-mod kif ordnat supra taht l-intestatura "Kura u Kustodja tat-Tfal Minuri u Access".

3. Tilqa' t-tielet talba attrici, mhux ghar-ragunijiet hemm indikati, izda ghar-ragunijiet supra indikati, billi tordna li b'effett millum il-missier ihallas lill-omm bhala manteniment ghaz-zewg miniri s-somma ta' tlett mija u hamsin ewro (€350) kull erba' gimghat b'dan illi l-manteniment pendente lite ghandu jibqa' regolat bid-digrieti pendente lite. Il-manteniment hawn stabbilit jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u jibqa' jithallas anke wara li l-minuri jaghlqu 18-il sena jekk jibqghu jistudjaw full-time u dan sakemm jaghlqu 23 sena. Inoltre l-missier ghandu jhallas lill-omm nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha taz-zewg minuri.

4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba talba attrici.

Bl-ispejjes fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**